MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Numru. 110/2005

Il-Pulizija
(Sp Alexander Miruzzi)
vs
Emmanuel Balzan, iben Emmanuel, imwieled Pieta' fl-14 ta' Ottubru, 1977, Karta ta' l-Identita numru 552877(M)
u
Carmelo Mifsud, iben Annetto, imwieled Pieta' fil-31 ta' Lulju, 1973

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati:
1. talli fil-11 ta' Awwissu, 2003 u fil-perjodu ta' qabel din id-data, f'Malta assoċjaw irwieħom ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma kienx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa;

2. talli fil-11 ta' Awwissu, 2003 u fil-perjodu ta' qabel din id-data f'Malta taw ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt jew ġiegħlu li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniggi jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita' jew setgħa, inkella taw struzzjonijiet biex isir id-delitt jew għad li ma kienux waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a)(b) jew (ċ) ta' l-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, b'xi mod li jkun, xjentement, għenu jew assitew lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt kien ġie ppreparat jew ikkunsmat;
3. fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli fil-11 ta' Awwissu, 2003 mal-wasla tagħhom fil-Mitjar Internazzjonali ta' Malta mat-titjira KM743 minn Ateni, Greċja, xjentement bil-ko-operazzjoni ta' xulxin u ta' individwu jew individwi oħra naqsu li jiddikjaraw lill-Uffiċjali tad-Dwana kwatita' ta' glud ta' l-għasafar u animal, liema mportazzjoni tagħhom hi projbita u/jew ristretta. Dawn għandhom il-valur ta' Lm27,997.00, dazju xejn u li fuqhom kellha titħallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta għal Lm5,-39.64 liema taxxa ma ġietx imħallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur ta' l-artikoli 60(a)(b)(ċ)(k) u 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-A.L. 44 ta' l-1982 u l-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur mizjud, Att numru XXIII ta' l-1988. Jekk jinstabu ħatja terz tal-piena tal-flus, titqies fuq talba tal-Prosekuzzjoni bħala dej ċivili u għandu jiġi dikjarat mill-Qorti kompetenti fl-għoti tas-sentenza li hu dovut u li għandu jitħallas lill-Gvern u għandu jjiġi esegwit fl-istess Qorti li tagħti s-sentenza bl-istess mod bħal li kieku ngħata f'azzjoni ċivili bejn il-Gvern u il-ħatja;
4. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi kellhom fil-pussess tagħhom xi għasafar ħajjin jew mejtin, jew parti minn xi għasfur, jekk ma jkunx xi għasfur inkluz fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-ħarsien ta' l-Għasafar u il-Fenek Selvaġġ, A.L. 146 ta' l-1993, kemm il-darba ma jippruvawx li dawk l-għasafar, jew parti minnu, kien importat b'mod leġittimu jew li kien imrobbi fil-maqful jew li kien reġistrat mad-Dipartiment skont il-paragrafu 5 tar-Regolament 17 ta' dawn ir-

regolamenti u dan bi ksur tal-A.L. 146 ta' l-1993, artikolu 12(1) kif sussegwentement emendat;

5. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi mportaw jew ġarrew, jew kellhom fil-pussess tagħhom xi għasafar ħajjin jew mejtin, jew parti ta' xi għasfur li mhux imsemmi fl-Iskedi I, II jew III tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u il-Fenek Selvaġġ, A.L. 146 ta' l-1993, kemm il-darba ma jippruvawx li dawk l-għasafar kienu mportati b'mod leġittimu jew li kien imrobbi fil-magħluq u dan bi ksur ta' l-A.L. 146 ta' l-1993, artikolu 12(2) kif sussegwentement emendat;

6. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi mportaw għasafar, ħajjin jew mejtin, jew partijiet minnhom, meta ma kienux imrobbija fil-magħluq fil-pajjiż minn fejn ikunu oriġinaw u hauma protetti fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom, u li l-esportazzjoni tagħhom mill-pajjiż minn fejn ġew esportati kienet waħda mhux awtorizzata, u dan bi ksur ta' l-A.L. 146 ta' l-1993, artikolu 12(3) kif sussegwentement emendat;

7. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi ftehmu jew ippruvaw, jew igħinu, ħajjru, taw parir jew qabdu lil xi persuna oħra biex tikser id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u il-Fenek Selvaġġ jew biex jonqsu milli jikkonformaw ma xi wieħed minn dawn id-dispożizzjonijiet ( inklużi xi ordni leġittimament mogħtija bis-saħħa ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti) jew biex jiksru xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa mposti minn dawn ir-regolamenti jew bis-saħħa tagħhom, u dan bi ksur ta' l-A.L. 146 ta' l-1993, artikolu 25 kif sussegwentement emendat;

8. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi mportaw speċi protetti mhux skont kif titlob il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ fi Speċi Mhedda ta' Fawna u Flora Selvaġġia (Washington 1973);

9. talli fl-istess perjodu lok u ċirkostanzi mpportaw xi ezemplari mingħajr ma applikaw ma Awtorita' Amministrativa bil-miktub fuq formola għal hekk imħejjija mill-istess Awtorita' u naqsu li jipproduċu dawk il-permessi jew ċertifikati li jistgħu jeħtieġu mill-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ fi Speċi Mhedda ta' Fawna u Flora Selvaġġa (Washington 1973);

10. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi mportaw xi speċi li tkun protetti fil-pajjiż mnejn toriġina, ukoll jekk ma tkunx nkluza fit-tieni u fit-tielet skeda li jinstab ma dawn ir-regolamenti u ukoll jekk dak il-pajjiż mnejn toriġina ma jkunx aċċeda għall-Konvenzjoni, mingħajr ma kellhom liċenzja ta' esportazzjoni minn dak il-pajjiż minejn toriġina;
11. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi ma kellhomx formoli, permessi u ċertifikati skont kif titlob il-Konvenzjoni;
12. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi bħala l-persuni li kellhom fil-pussess tagħhom xi ezemplari li l-importazzjoni tiegħu taqa' taħt dawn ir-regolamenti naqsu li jzommu fil-pussess tagħhom kull permess, ċertifikat u liċenzja li jkollhom x'jaqsmu ma l-importazzjoni ta' dak l-ezemplari;
13. lil **Emmanuel Balzan**, waħdu, talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi ttanta li jħajjar lill-uffiċjal jew impjegat pubbliku biex jagħmel delitt u dan skont l-artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, barra l-piena stabbilita skont il-liġi, tordna l-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti, kif ukoll li tordna l-iskwalifika tal-liċenzi kollha taħt ir-Regolamenti ta' l-1992 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora għal mhux anqas minn sena.

Rat il-'letter to prosecute' tal-11 ta' Novembru, 2004 maħruġa fil-konfront ta' Carmelo Mifsud mill-Kummissarju tal-VAT.

Rat il-'letter to prosecute' tat-28 ta' Jannar, 2005 maħruġa fil-konfront ta' Emmanuel Balzan mill-Kummissarju tal-VAT.

Rat il-'letter to prosecute' tal-11 ta' Novembru, 2004 maħruġa fil-konfront ta' Carmelo Mifsud mill-Kontrollur tad-Dwana.

Rat il-'letter to prosecute' tal-11 ta' Novembru, 2004 maħruġa fil-konfront ta' Emmanuel Balzan mill-Kontrollur tad-Dwana.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' Mejju, 2008 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet –
Fil-konfront ta' **Emmanuel Balzan**:
a. fl-artikolu 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 42(a)(b)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 60(a)(b)(ċ)(k) u 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-A.L. 44 ta' l-1982 u l-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII ta' l-1998);
d. fl-artikolu 12(1) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;
e. fl-artikolu 12(2) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;
f. fl-artikolu 12(3) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;
g. fl-artikolu 25(d) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;
h. fl-artikolu 6(1)(2)(3)(4) ta' l-A.L. 19 ta' l-1992;
i. fl-artikolu 8 ta' l-A.L. 19 ta' l-1992;
j. fl-artikolu 9(1)(2) ta' l-A.L. 19 ta' l-1992;
k. fl-artikolu 9(5)(6)(7) ta' l-A.L. 19 ta' l-1992;
l. fl-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-liġijiet ta' Malta;
m. fl-artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali;
n. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
Fil-konfront ta' **Carmelo Mifsud**:
a. fl-artikolu 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 42(a)(b)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 60(a)(b)(ċ)(k) u 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-A.L. 44 ta' l-1982 u l-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII ta' l-1998);
d. fl-artikolu 12(1) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;
e. fl-artikolu 12(2) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;
f. fl-artikolu 12(3) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;
g. fl-artikolu 25(d) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;
h. fl-artikolu 6(1)(2)(3)(4) ta' l-A.L. 19 ta' l-1992;
i. fl-artikolu 8 ta' l-A.L. 19 ta' l-1992;
j. fl-artikolu 9(1)(2) ta' l-A.L. 19 ta' l-1992;
k. fl-artikolu 9(5)(6)(7) ta' l-A.L. 19 ta' l-1992;
l. fl-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-liġijiet ta' Malta;
m. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Jannar, 2009 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Diċembru, 2010 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat Emmanuel Balzan ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 48A(1)(2)(3)(4) , 42(a)(b)(d)(e) u 120 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 60(a)(b)(ċ)(k) u 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-A.L. 44 ta’ l-1982 u l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII ta’ l-1998);l-artikoli 12(1)(2)(3) u 25(d) ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993 u l-artikoli 6(1)(2)(3)(4), 8 u 9(1)(2)(5)(6)(7) ta’ l-A.L. 19 ta’ l-1992 u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ elfejn tlett mija u tletin euro (€2,330). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’
mija u ħamsin euro (€150) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti. Minbarra dan tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-għasafar importati.
Issib lill-imputat Carmelo Mifsud ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 48A(1)(2)(3)(4) u 42(a)(b)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 60(a)(b)(ċ)(k) u 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-A.L. 44 ta’ l-1982 u l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII ta’ l-1998);l-artikoli 12(1)(2)(3) u 25(d) ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993 u l-artikoli 6(1)(2)(3)(4), 8 u 9(1)(2)(5)(6)(7) ta’ l-A.L. 19 ta’ l-1992 u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ elfejn tlett mija u tletin euro (€2,330). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ mija u ħamsin euro (€150) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti. Minbarra dan tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-għasafar importati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------